**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Lulju 2020

Rikors Numru: 66/19 AL

**A B f'isimha propju u għan-nom u in rapprezentanza ta' bintha minuri C B u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2019 A B giet maħtura bħala kuratriċi "*ad litem*" tal-minuri C B**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,**
**u D E u F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:[1]

1. Illi l-esponenti A B kellha u għad għandha relazzjoni mal-intimat D E u mir-relazzjoni tagħhom twieldet ir-rikorrenti C B fl-erbatax (14) ta' Settembru, Elfejn u Tmintax (2018) hekk kif jikkonferma r-rapport tat-test bioloġiku (DNA) mal-preżenti anness u immarkat 'DOK A'.
2. Illi l-esponenti A B hija de facto separata minn ma` żewġha l-intimat F B u dan sa mis-sena Elfejn u Erbatax (2014), iżda għadha ma kisbitx separazzjoni personali legali minnu; konsegwentament peress li ir-

[1] Fol. 1-14.

rikorrenti C B twieldet f'data fejn l-esponenti A B għadha legalment miżżewġa (vide DOK B), l-istess tarbija giet imniżżla u reġistrat bħala wild l-intimat F B, hekk kif jidher mill-att tat-twelid anness u immarkat 'DOK C'.

3. Illi l-missier bijologiku tar-rikorrenti C B m'huwiex l-intimat F B izda l-intimat D E, hekk kif jidher mir-rizultat tad-DNA hawn anness u mmarkat bhala DOK A.

4. Illi dan ir-rizultat jista` jfisser biss illi l-att tat-twelid tar-rikorrenti C B m'huwiex veritier u huwa ghal kollox skorrett.

8. Illi għalhekk ir-rikorrenti C B qiegħda fil-pussess ta' stat kuntrarju għall-att tat-twelid tagħha u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid hija indikat bhala l-wild ta' l-intimat F B, fil-verita` hija bint l-intimat D E.

9. Illi għal dawn ir-raġunijiet jeħtieġ li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti C B.

10. Illi dawn il-fatti kif hawn ddikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

11. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

(a) fl-ewwel lok, jigi iddikjarat illi r-rikorrenti minuri C B, hija effettivament il-wild tal-intimat D E u mhux wild l-intimat F B, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru: 655/2018 (DOK C);
(b) konsegwentement jiġi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru: 655/2018 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tar-rikorrenti minuri C B.

Talbet li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat D E b'karta tal-identita' numru: XXXX huwa l-missier naturali tar-rikorrenti C B, u mhux l-intimat F B.

2. Tiddikjara li fl-att tat-twelid tal-minuri ('Dok. C'), hemm erronjament imniżżel li missier il-minuri huwa F B.

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att tat-twelid hawn fuq indikat billi jiġi ikkanċellat isem “F B” bħala missier it-tarbija u minflok jigi inserit l-isem tal-missier naturali tal-minuri, u ċioe l-isem “D E”, kif ukoll li isem it-tarbija jiġi mibdul minn “C B” għal “C E”, u dan fl-aħjar interess ta` l-istess minuri.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-emendi kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri C preżentement magħrufa bil-kunjom B.

Rat il-lista tax-xiehda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Dirrettur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa:[2]

*1. Illi l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

*2. Illi fil-mertu, l-esponent jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma’ D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat F B, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi għal dan il-għan, ir-rikorrenti pproduċiet rapporti ta’ test ġenetiku li jikkonfermaw li l-missier naturali tal-minuri huwa D E. Madanakollu, l-esponent huwa tal-umli fehma illi ġialadarba Dr Mario Scerri kien il-mediku li ħa l-kampjuni ta’ buccal swabs, filwaqt li Dr Marisa Cassar kienet il-mediku li filfatt wettqet it-test ġenetiku, ikun opportun illi tali rapport ikun maħluf miż-żewġ tekniċi;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut D E, sabiex jippreżenta d-dettalji personali tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) in-numru tal-karta*

[2] Fol. 25-27.

*tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

*6. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

*7. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe' każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa tiġu inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xiehda tal-konvenut;

Rat in-nota ġuramentata tal-intimat D E li permezz tagħha huwa għarraf lil din l-Qorti li m'għandux eċċezzjonijiet għat-talbiet rikorrenti stante illi huwa l-missier naturali tat-tarbija C B.[3]

Rat illi l-konvenut F B ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar is-26 ta' Marzu 2019,[4] izda l-Qorti tinnota illi l-konvenut F B ma pprezentax risposta ġuramentata u qatt ma deher quddiem din il-Qorti.

Rat l-Att taz-Zwieġ ta' F u A, konjuġi B, li jġib in-numru progressiv ta' 1663 tas-sena 2010;[5]

Rat l-Att tat-Twelid ta' C B, li jġib in-numru ta' 6550 tas-sena 2018;[6]

Rat ir-Rapport ta' Dr Mario Scerri, liema rapport ġie redatt wara test ġenetiku li seħħ ukoll bil-għajnuna ta' Dr Marisa Cassar, liema rapport ġie

[3] Fol. 32.
[4] Fol. 22.
[5] Fol. 13.
[6] Fol. 14.

debitament maħluf minnhom nhar il-10 ta' Diċembru 2019 u t-30 ta' Jannar 2020, rispettivament;[7]

Rat l-atti kollha tal-proċediment tal-kawza;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

*Il-Istat ta' Kontumaċja tal-Konvenut F B*

Il-Qorti tosserva illi l-atturi ntavolaw tali proċeduri kontra F B, D E u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nhar it-8 ta' Marzu 2019. Il-konvenut F B ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar is-26 ta' Marzu 2019. Madanakollu mill-atti proċesswali jirrizulta li F B ma pprezenta l-ebda risposta ġuramentata.

In tema legali, l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti li hija relevanti għal dan il-kaz, jiddisponi dan li ġej:

***"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.***

***…***

***(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."***

---

[7] Fol. 5-12.

B’applikazzjoni ta’ dawn id-dispozizzjonijiet kif ukoll skont ma jirrizulta mill-avviz stampat fuq ir-rikors guramentat tal-atturi a tenur tal-Artikolu 156 sub-inċiz 2 tal-Kapitolu 12, il-konvenut kellu għoxrin (20) ġurnata minn meta ġie notifikat bl-istess rikors ġuramentat, sabiex jipprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu fir-reġistru ta’ din il-Qorti, liema terminu f’dan il-kaz għalaq nhar il-15 ta’ April 2019. Madanakollu, mill-atti proċesswali jirrizulta b’mod ċar illi tali risposta ma ġietxipprezentata entro tali terminu.

Huwa pacifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-akkuza u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dizubbidjenza (“kontumelja”) lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta’ dizordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista’ jipparteċipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xiehda mressqa mill-attur/attriċi.[8] Għalhekk, il-kontumaċja hija ġeneralment meqjusa bħala mizura ta’ natura punittiva li hija meħtieġa sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**,[9] ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**[10] fejn ġie rapportat illi:

*“Trattandosi ta’ norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta’ l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut “l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u f’ ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula” (“**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**”, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta’ Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta’ fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-termini procedurali la jista’ jigi sanar b’adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentament hafna osservat, “in-natura inderogabbli tat-termini*

[8] **Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited,** deċiza mill-Prim’Awla 284/2014 nhar it-23 Lulju 2014.
[9] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta’ Marzu 2016 (Rikors Numru 843/14).
[10] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Civili (Inferjuri), nhar is-6 ta’ Frar 2008.

*processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghaliex ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". (**Salina Wharf Marketing Limited –vs- Malta Tourism Authority**", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)"*.

Fid-dawl ta' din ir-rigorozita` fl-applikazzjoni tat-termini proċedurali stipulat mil-liġi u l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jġib miegħu n-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158 subinċiz 1 għall-prezentata tar-risposta ġuramentata, ġie wkoll paċifikament aċċettat li l-istitut tal-kontumaċja għandu jiġi applikat u mfisser b'mod ristrettiv.[11] Madanakollu, hekk kif jistabbilixxi sub-inċiz 10 tal-Artikolu 158 surreferit, il-konvenut għandu l-fakolta' li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu u dan billi jipprezenta rikors, fejn il-Qorti ikollha l-obbligu illi tevalwa x'kienet l-intenzjoni tal-konvenut u tagħmel distinzjoni bejn il-konvenut li juri *disinteress assolut* (dak li jissejjah kontumaċja bi ħtija) u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawza izda ma laħaqx għamel dan għal raġuni li *ma kienx jaħti għaliha*.[12] Madanakollu, fil-kaz odjern, tali rikors qatt ma ġie ipprezentat mill-konvenut.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti qiegħda f'ġieħ l-ordni pubbliku tissolleva *ex officio* l-istat ta' kontumaċja tal-konvenut u tippronunzja ruħha dwar l-istess. Dan id-dritt tal-Qorti ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Gatt vs Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited**[13]: *"Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli ex officio iqajjem il-punt li s-socjeta konvenuta ma wegbitx fit-terminu kontemplat mil-ligi. Terminu li hu perentorju. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila** (21 ta' Marzu 1997)… Il fatt li l-ligi ma tipprovdix espressament li materja simili tista' tigi sollevata ex officio mit-Tribunal, mhi ta' ebda konsegwenza. Hu principju baziku li kull awtorita gudizzjarja ghandha awtorita li ex officio tissolleva materja ta' ordni pubbliku, kif wara kollox huma t-termini dwar il-kondotta*

---

[11] **Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et,** deċiza mill-Qorti Appell Ċivili nhar is-7 ta' Marzu 1997, ċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Maria R vs. Agostino R**, deċiza mill-Prim'Awla (1314/2000) nhar il-11 ta' Marzu 2003.

[12] **Gloria Beacom vs Perit Anthony Spiteri Staines**, deċiza mill-Prim'Awla nhar id-9 ta' Dicembru 1993.

[13] Deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Jannar 2016 (Appell Numru 13/14AE).

*ta' proceduri. It-twegiba ma kellha qatt tigi pprezentata la darba kien ghadda l-perjodu stipulat fil-ligi, jekk mhux wara li jintalab permess lit-Tribunal u tinghata raguni valida ghalfejn naqset."*

Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara u tikkonferma li l-konvenut jinsab kontumaċi fil-proċeduri odjerni.

*L-Azzjoni Odjerna:*

Ir-rikorrenti u l-konvenut F B zzewġu Malta nhar il-21 ta' Awwissu 2010. Ir-rikorrenti tirrileva illi ilha separata *de facto* minn ma' zewġha sa mis-sena 2014. Fil-fatt ir-rikorrenti stess tikkonferma illi kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut l-ieħor Shakri E, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri C, nhar l-14 ta' Settembru 2018. In vista tal-fatt li fil-ġurnata li twieldet il-minuri, r-rikorrenti kienet għadha legalment mizzewġa lil F B, il-minuri ġiet iddikjarata bħala wild imnissla u mwielda fiz-zwieġ. B'hekk l-Att tat-Twelid bin-numru 3550 tas-sena 2018 jiddikjara l-minuri C bħala l-wild tal-intimat F B.

Permezz ta' din l-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jiġi ddikjarat illi D E huwa l-missier naturali tal-minuri u dan minflok F B, u konsegwentament isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-Att tat-Twelid tal-minuri. Mill-atti proċesswali jidher illi l-allegat missier, u ċjoe' D E m'għandux oġġezzjoni għal dawn it-talbiet għaliex huwa konsapevoli li huwa l-missier naturali tal-minuri, filwaqt li zewġ l-omm u ċjoe' F B, ma weġibx għat-talbiet attriċi.

*Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali, jingħad illi Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi: ***"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi".***

Madanakollu, il-liġi nostrana tipprovdi numru ta' rimedji differenti sabiex il-paternita' ta' wild tiġi attakkata, fosthom dak stabbilit f'Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema rimedju jinsab taħt Titolu Tnejn, Sub-Titolu Wieħed li jitratta *"Il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda Matul iż-Zwieġ"*, li jipprovdi:

***"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild."***

*L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

Il-kawza odjerna ġiet intavolata mill-omm kontra zewġha, l-allegat missier u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Għaldaqstant din l-azzjoni tikkwalifika bħala azzjoni msejsa fuq Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili. L-attriċi tikkontendi li minkejja li C B twieldet meta hija kienet miżżewġa lill-konvenut F B, l-istess minuri ma hijiex bint l-imsemmi F B iżda bint il-konvenut D E. Huwa proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16, illi l-istess minuri ġiet imniżżla fl-Att tat-Twelid bħala l-bint naturali tal-intimat F B, *qua* żewġ omm it-tarbija.

Illi l-Qorti rat is-Subtitolu Wieħed tat-Titolu Tnejn tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77B, illi fuqu hija msejsa l-kawza odjerna. Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tat-test ġenetiku, debitament maħluf minn Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar, fejn ġie ikkonfermat illi wara li Dr Cassar ġabret kampjun orali tal-partijiet, irrizulta illi D E, detentur tal-Karta tal-Identita' 157798A, hu l-missier naturali ta' C B.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn irriteniet illi f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi jikkostitwixxu l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiziti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jezisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li C B hija l-wild naturali tal-intimat D E.

In vista ta' dan, il-Qorti tiddikjara li l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġew sorvolati, u tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet attriċi.

B'referenza għall-ħames u s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirrizulta illi dawn ġew sorvolati ukoll. Il-Qorti tinnota li ġiet esebita nota fl-atti tal-kawza,[14] li tikkonferma d-dettalji ta' D E u dawn għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-wild, il-Qorti tinnota li fl-udjenza ta' nhar il-10 ta' Diċembru 2019 ġie ddikjarat li l-minuri għandha tassumi l-kunjom 'E'. Il-Qorti tevalwa illi tali għazla hija dik konformi mal-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti ma għandhiex raġuni għaliex ma għandhiex taċċetta l-istess.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li D E, detentur tal-Karta tal-Identita' XXXXX, huwa l-missier naturali tal-minuri C B u mhux F B, detentur tal-Karta tal-Identita' XXXXX;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara li fl-Att tat-Twelid ta' C B, bin-numru progressiv 6550 tas-sena 2018, F B huwa erronjament indikat bħala l-missier tal-imsemmija minuri;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 6550 tas-sena 2018, u dan billi, primarjament jiġi kkanċċellat isem '*F B'* bħala missier C B u minflok jiġi inserit l-isem ta' *'D E'* bħala missier il-minuri, u għandu ukoll jikkanċċella kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut F B u tissostitwixxi dawn bid-dettalji tal-konvenut D E; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġ sabiex isem il-minuri ikun jaqra *'C E'* minflok *'C B'*;

[14] Fol. 34.

4. Tilqa’ ir-raba’ talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-emendi kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid ta’ C B, li jġib in-numru progressiv 6550 tas-sena 2018.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Kuraturi Deputati u tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ikunu sapportati b’mod ugwali mill-attriċi A B u mill-konvenut D E.